MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.

## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-13 ta' April, 2015

Rikors Numru. 13/2015

**Malta Quality Time Limited (C-52230)**

**vs**

**MP Evolution Limited (C-60233)**

Il-Bord:

Ra r-rikors tas-socjeta rikorrenti li jghid hekk:

1. Illi Keith Seychell huwa azzjonista u direttur tas-socjeta’ rikorrenti Malta Quality Time Limited;

2. Illi permezz ta’ skrittura lokatizja datata l-21 ta’ Gunju, 2013, is-socjeta’ rikorrenti issullokat lis-socjeta’ intimata, parti diviza tal-fond ossia hanut maghruf bhala ‘Moscow’, St. Rita’s Steps, Paceville, Saint Julians, u dana versu l-kera ta’ mija u erbgha ewro (€104.00) kuljum ghal l-ewwel tmienja u erbghin xahar li bdiet tiddekorri mill-1 ta’ Lulju, 2013 (ara dokument anness u mmarkat bhala Dok A).

3. Illi fost il-kundizzjonijiet tal-imsemmija sullokazzjoni insibu fost l-ohrajn illi l-hlas tal-kera jsir kull xahar bil-quddiem, u jekk l-inkwilin jonqos milli jhallas anki skandenza wahda tal-kera dovuta u jibqa hekk moruz wara li jghaddu hmistax il-gurnata minn meta jigi notifikat b’ittra ufficjali fejn jintalab l-imsemmi hlas, s-socjeta’ rikorrenti ikollha d-dritt li tittermina l-kirja *ipso jure* u titlob illi l-inkwilin ossija s-socjeta’ intimata tizgombra mill-hanut imsemmi;

4. Illi konsegwentement s-socjeta’ rikorrenti prezentat ittra ufficjali fir-Registru tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili kontra s-socjeta’ intimata (ittra numru 2364/2014), liema ittra ufficjali giet notifikata lir-rapprezentant tas-socjeta’ intimata nhar it-30 ta’ Lulju, 2014 u kienet titlob il-hlas ghall-perjodu bejn il-31 ta’ Dicembru, 2013 u it-30 ta’ Gunju, 2014;

5. Illi sussegwentement s-socjeta’ rikorrenti prezentata ittra ufficjali ohra fl-istess Registru kontra s-socjeta’ (ittra numru 2463/2014), liema ittra ufficjali giet notifikata lir-rapprezentant tas-socjeta’ intimata nhar it-12 t’Awwissu, 2014 u kienet titlob il-hlas ghall-perjodu bejn l-1 ta’ Lulju u l-31 ta’ Lulju, 2014;

6. Illi s-socjeta’ intimata baqghet moruza fil-hlasijiet tal-kirjiet dovuti lis-socjeta’ rikorrenti;

7. Illi l-kirja dovuta mis-socjeta' intimata lis-socjeta' rikorrenti sal-31 ta' Lulju, 2014 tammonta ghal sitta u ghoxrin elf sittax-il ewro u tnejn u tletin centezmu (€26,016.32) inkluz it-taxxa fuq il-valur mizjud;

8. Illi sa fejn taf is-socjeta' rikorrenti, s-socjeta' intimata m'ghandhiex eccezzjonijiet validi x'taghti skond il-ligi;

9. Illi Keith Seychell ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' rikorrenti jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.

Ghaldaqstant, fid-dawl tal-fatti hawn esposti tghid is-socjeta' intimata il-ghala dan it-Tribunal, prevja kull dikjarazzjoni ohra opportuna m'ghandux:

1. Jisma' u jiddeciedi din il-kawza skond is-segwenti talba attrici bid-dispensa tas-smiegh a tenur ta' l-artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Jiddikjara illi s-socjeta' intimata hija moruza fil-hlas ta' diversi skadenzi ta' kera fil-konfront tal-hanut bl-isem 'Moscow', St. Rita's Steps, Paceville, Saint Julians u ghalhekk kisret l-obbligazzjoni taghha ta' hlas kif pattwita fl-iskrittura lokatizja tal-21 ta' Gunju, 2013;

3. Jordna l-izgumbrament tas-socjeta' intimata mill-hanut 'Moscow', St. Rita's Steps, Paceville, Saint Julians, entro terminu qasir u perentorju;

4. Jikkundanna lis-socjeta' intimata sabiex thallas lis-socjeta' rikorrenti l-kera dovuta sal-31 ta' Lulju, 2014, u cioe' s-somma ta' sitta u ghoxrin elf sittax-il ewro u tnejn u tletin centezmu (€26,016.32);

Bl-ispejjez legali u bl-imghax, u bl-ingunzjoni tar-rapprezentant tas-socjeta’ intimata in subizzjoni u bir-rizerva ta’ kull azzjoni ulterjuri necessarja u opportuna.

Ra illi s-socjeta’ ntimata debitament notifikata baqghet ma dehritx biex tikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti;

Ra illi t-talba tas-socjeta’ rikorrenti hija segwita b’dikjarazzjoni guramentata tal-fatti tal-azzjonista u direttur taghha liema fatti huma minnu maghrufa kompriz id-dikjarazzjoni illi l-intimat ma ghandu l-ebda opposizzjoni x’jista’ jaghmel skond il-ligi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Peress illi jimmerita illi t-talbiet tas-socjeta’ rikorrenti ikunu milqugha bid-dispensa ta’ smiegh fit-termini tal-artikolu 16A tal-Kap 69 tal-ligijiet ta’ Malta;

Il-Bord qieghed jilqa’ t-talbiet kollha tar-rikorrenti u ghal fini ta’ zgumbrament qed jipprefigi zmien tletin (30) jum mil-lum.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mis-socjeta’ ntimata.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------